MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1653/1998/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Doriette Rizzo Naudi, abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Doriette Rizzo Naudi**

**vs**

**Andrew Abela**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi premettew:-

Illi fl-24 ta' Frar 1998, ghall-habta tas-1.50 p.m., waqt illi t-Tabib Dottor Mario Rizzo Naudi kien qed isuq il-vettura di propjeta' tal-attrici Doriette Rizzo Naudi, bin-numru ta' registrazzjoni DRN 001 fi Triq l-Industrija, Kirkop, huwa safa involut f'kollizjoni awtomobilistika mal-konvenut, li kien qed isuq trakk, bin-numru ta' registrazzjoni DAM 313.

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi l-attrici Doriette Rizzo Naudi sofriet danni estensivi ghal elfejn u mija u tmienja u tmenin liri maltin (Lm2188) li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici abbazi tal-polza tat-tip comprehensive u skond il-Ligi, u giet minnha debitament surrogata fid-drittijiet kollha taghha;

Illi inoltre l-attrici Doriette Rizzo Naudi kellha thallas ukoll excess payment ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25.00) lis-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited in konnessjoni ma' dan l-incident, u kellha wkoll taghmel spejjez ta' kiri ta' vettura alternattiva waqt illi kienu qed isiru t-tiswijiet relattivi fuq il-vettura taghha, liema spejjez kienu jammontaw ghal erbgha u tmenin liri maltin (Lm84.00) u ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni.

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpelat biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta' Frar 1998, fi Triq l-Industrija, Kirkop, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAM 313 appartenenti lill-konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DRN 001, propjeta' tal-attrici Doriette Rizzo Naudi, kif fuq premess.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' elfejn u mija u tmienja u tmenin lira maltin (Lm2188.00), jew somma

verjuri, rapprezentanti d-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess socjeta' attrici, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi relattivament ghal-ewwel talba attrici, dina hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura tal-attrici Mario Rizzo Naudi stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tieghu.

2. Illi relattivament ghat-tieni u tielet talba attrici, isegwi illi dawn ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent li ghalihom ghandu jigi kkundannat li jaghmel tajjeb.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw in-necessita' u l-attwalita' tad-danni minnhom allegatament sofferti u mitluba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavits ta’ Francis Paul Ebejer u tat-tabib Dr. Mario Rizzo Naudi presentati mill-atturi.

Rat l-affidavit tal-attrici Doriette Rizzo Naudi.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Frar 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li ma hemmx ghalfejn li ssir prova ulterjuri dwar id-danni sofferti mill-atturi.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fl-24 ta' Frar 1998, ghall-habta tas-1.50 p.m., sehh incident stradali fi Triq l-Industrija, Kirkop, fil-vicinanzi tal-fabbrika tal-SGS Thompson. Involuti f’dan l-incident kien hemm it-Tabib Dottor Mario Rizzo Naudi, li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni DRN 001 tat-tip Daewoo Cielo, liema vettura hi ta’ propjeta ta’martu l-attrici Dorriette Rizzo Naudi, u l-konvenut, li kien qed isuq it-trakk tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DAM 313. Fil-hin tal-incident iz-zewg sewwieqa involuti fl-incident kienu qed isuqu fl-imsemija triq, it-tnejn gejjin mid-direzzjoni tal-Mqabba u t-tnejn sejrin lejn il-mini tal-ajruport.

Fil-hin tal-incident l-imsemmija vettura tal-attrici Doriette Rizzo Naudi kienet assikurata mas-socjeta assikuratrici attrici nomine b’polza tat-tip “comprehensive.” Ghalhekk is-socjeta attrici assikuratrici kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti, f’din il-kollizzjoni, mill-attrici Rizzo Naudi fl-imsemmija vettura taghha. Jirrizulta li s-socjeta attrici f’dan ir-rigward hallset is-somma ta’ elfejn mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm2175) lill-istess attrici Rizzo Naudi, oltre li hallset tlettax il-lira maltin (Lm13) ohra ghall-ispejjez tar-“road accident report” u ghal dawk tas-“survey report.” B’kollox ghalhekk is-socjeta assikuratrici hallset, bhala danni sofferti mill-attrici l-ohra, s-somma ta’ elfejn mija u tmienja u tmenin liri maltin (Lm2188). B’hekkukoll is-socjeta attrici giet debitament surrogata fid-drittijiet kollha tal-attrici l-ohra Rizzo Naudi.

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li dan l-incoident sehh unikament tort tal-konvenut. Jippremettu ukoll li l-attrici.Rizzo Naudi kellha thallas ukoll l-“excess payment”

ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25.00) lis-socjeta' attrici assikuratrici u inoltre l-istess attrici l-ohra ghamlet spejjez ammontanti ghal erbgha u tmenin liri maltin (Lm84) ghal kiri ta' vettura alternattiva waqt illi kienu qed isiru t-tiswijiet relattivi. Ghal dawn ir-ragunijiet l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u li jigi kundannat ihallas id-danni kollha relattivi.

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li ghal dan l-incident hu unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura tal-attrici u konsegwentement m’hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tieghu. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut issottometta li huwa kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tal-imsemmija triq, li mhux kollha dritta u f'xi partijiet taghha tidjieq. Is-sewwieq tal-vettura tal-attrici Rizzo Naudi kien qed isegwih. Il-konvenut kompla jiddikjara li appuntu fejn it-triq tiddjieq is-sewwieq l-iehor involut fil-kollizzjoni, b’velocita’ eccessiva, ttanta jissorpassah. B’hekk, skond il-konvenut sehhet il-kollizzjoni billi s-sewwieq l-iehor kaxkar mal-genb tal-lemin tal-vettura tal-istess konvenut.

It-Tabib Mario Rizzo Naudi xehed li huwa kien qed isegwi t-trakk misjuq mill konvenut, liema trakk kellu l-bieba ta’ wara miftuha u mdendla u b’hekk huwa la seta jara l-“brake lights” u lanqas l-“indicator” tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Huwa kompla jixhed li l-velocita’ taz-zewg vetturi kienet moderata u qal li huwa ried jissorpassa lill-konvenut u ghamel hekk billi hareg il-barra cioe’ lejn nofs it-triq. Huwa ghamel din il-manuvra billi zied il-velocita’ u beda jaqla' lill-konvenut fuq il-linja ta' barra.

Ix-xhud kompla jikkonferma li f'daqqa wahda, u cioe’ meta huwa kien f’linja parallela mal-kaxxa tat-trakk tal-konvenut, l-istess konvenut, ghall-gharrieda, gibed lejn il-lemin cioe’ fejn kien gia kien jinsab ix-xhud, li kompla jixhed li huwa ttanta jibbrejkja pero ghal xejn. Skond it-tabib Rizzo Naudi gara li, billi t-trakk kellu l-bieba ta’ wara mdendla, b'xi mod il-vettura li kien qed isuq inqabdet mal-musmar tal-istess bieba, u ghalhekk il-vettura tieghu gholiet u tkaxkret mat-trakk u dan ghal xi hamsa u

sebghin (75) pied. FIl-frattemp il-parti ta’ quddiem tal-vettura misjuqa mix-xhud ittellghet fuq is-“centre strip.” Ix-xhud kompla jikkonferma li huwa ma seta jghamel xejn sakhemm it-trakk tal-konvenut twaqqaf. Bl-impatt mas-centre strip il-karozza misjuqa mix-xhud bdiet tinqala' 'l barra min-naha ta' quddiem, sakemm fl-ahhar inbezqet ghal kollox.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut ikkonferma li fil-hin tal-incident huwa ma kellu lill hadd mieghu fit-trakk. Huwa qal li meta wasal hdejn “roundabout” huwa hass it-trakk tieghu jghola minn wara mil-lemin ghax-xellug. Huwa ttawwal mill-mera u ra l-karozza l-ohra involuta fil-kollizzjoni mdahhla mad-"double wheel" tal-lemin tat-trakk tieghu u cioe’ din il-vettura kienet maqbuda mat-trakk tieghu. Huwa ghafas il-brejk u hass li l-imsemmija vettura l-ohra kienet qed tinghafas mat-trakk tieghu u in effett l-istess vettuira l-ohra damet xi ftit sekondi biex tinqala minn mat-trakk. Skond il-konvenut it-Tabib Rizzo Naudi ma kellux jittanta jghaddih f’dik il-parti tat-triq li tiddjieq stante li hemmhekk il-wisa tat-triq ma tippermettix li t-trakk u vettura jinstaqu flimkien b'mod parallel. Inoltre appuntu hemmhekk hemm ukoll "central strip" tal-konkos. Huwa qal ukoll li kaxkar bit-trakk tieghu l-vettura l-ohra ghal xi erbghin (40) pied. Hwa cahad li f’xi hin huwa kiser lejn il-lemin jew li hareg lejn nofs it-triq u cahad ukoll li kellu l-bieba ta’ wara mnizzla u mdendla. Ammetta pero’ li wara l-kollizzjoni huwa sab l-imsemmija bieba ta’ wara effettivament imnizzla.pero’, dejjem skond il-konvenut dan il-fatt sehh bhala konsegwenza tad-daqqa Fil-kontro-ezami l-konvenut xehed li ftit qabel l-incident kien ghadu kif skarika terrapin li kien fit-trakk tieghu.

Inevitabilment iz-zewg sewwieqa involuti fl-incident jghatu zewg verzjonijiet kontrastanti ta kif gara l-incident. Gie, pero’ prodott xhud okuari li, in effett, ikkonferma li ra l-incident isehh. Dan ix-xhud, cioe’ Brian Muscat, xehed li huwa kien qed idur mar-roundabout ta’ Hal-Kirkop, bil-vettura tieghu, meta ra l-kollizzjoni in kwestjoni ssehh. Huwa kkonferma li kien boghod xi 150 metru minn fejn sehhet l-istess kollizzjoni u li t-trakk tal-konvenut kien ghaddej fuq in-naha ta' gewwa tat-triq cioe’ hdejn fejn

hemm xi sigar, fil-waqt li l-karozza misjuqa mit-Tabib Rizzo Naudi kienet qieghda fuq in-naha ta' barra, cioe' hdejn is-“centre strip.” Ix-xhud ra l-imsemmija zewg vetturi ghaddejjin hdejn xulxin u f'daqqa wahda ra l-karozza misjuqa minn Dottor Rizzo Naudi tghola. Huwa kkonferma li dan kollu gara f’parti tat-triq fejn jistghu jghaddu zewg karozzi paralleli hdejn xulxin. Skond ix-xhud Muscat meta l-karozza gholiet it-trakk kompla ghaddej u l-karozza tat-Tabib Rizzo Naudi waqfet u spiccat wara fejn waqaf it-trakk. Minhabba l-momentum il-karozza baqghet sejra fid-direzzjoni tal-bankina. Huwa qal li ma kienx zgur jekk il-flap, cioe’ l-bieba ta’ wara ta’ wara tat-trakk kienetx miftuha jew le, pero’ ma eskludix li l-istess bieba ta’ wara in effett kienet miftuha. Ix-xhud ma rax iz-zewg vetturi jahbtu ma xulxin, pero’ huwa mmagina li kien hemm impatt bejn iz-zewg vetturi meta ra l-karozza misjuqa mit-Tabib Rizzo Naudi toghla.

Din id-deposizzjoni tax-xhud Brian Muscat tirrendi l-versjoni tat-Tabib Rizzo  Naudi aktar verosimili mill-verzjoni li ta’ l-konvenut. Il-fatt li mal-impatt il-karozza ta’ Rizzo Naudi gholiet jindika li kien il-konvenut li habat u li dahal fl-istess vettura misjuqa mit-Tabib Rizzo Naudi. Ix-xhud okulari ra l-karozza misjuqa minn Dottor Rizzo Naudi toghla u ma qalx li ra it-trakk jghola, kif del resto qal li ghamel il-konvenut. JIdher ghalhekk li, ghal xi raguni jew ohra, il-konvenut ghal gharrieda gibed ghal nofs it-trieq u dahal fil-linja fejn kien qed isuq it-Tabib Rizzo Naudi u b’hekk sehhet il-kollizzjoni in kwestjoni. Inoltre jirrizulta li t-triq kienet tippermetti li ssir il-manuvra ta’ sorpass li ried jaghmel Dottor Rizzo Naudi. Dan l-ahhar fatt jirrizulta minn dak li qal ix-xhud okulari Brian Muscat kif ukoll mir-“Road Accident Report” li gie esibit (fol. 34) u markat bhala “Dok SM2.” Hu minnu li l-vettura misjuqa mit-Tabib Rizzo Naudi halliet “brake marks” ta’ 24.5 metri. Ma giex eskluz, pero’, li dawn setghu kienu marki ta’ tkaxkir. In effett bl-ebda mod ma jirrizulta li t-Tabib Rizzo Naudi kien ghaddej b’velocita’ eccessiva. Inoltre t-Tabib kellu necessariament izid il-velocita’ tieghu peress li kien ser jaghmel manuvra ta’ sorpass. Lanqas ma jista jigi eskluz li l-bieba jew l-“flap” ta’ wara tat-trakk tal-konvenut kienet imnizzla. Effettivament jirrizulta li l-konvenut kien ghadu kif hadt

terrapin li kien qed igorr fit-trakk tieghu u ma jirrizulta xejn li jista jeskludi li l-istess flap thalliet imdendla. Inoltre hu inverosimili li din il-flap infethet bid-daqqa u dan ukoll in vista tal-fatt li l-pin li jghalqa l-istess flap hu relattivament twil. HU ukoll verosimili li l-karozza misjuqa mit-Tabib Rizzo Naudi nqabbdet minn xi sporgenza li kien hemm fl-istess flap ta' wara tat-trakk tal-konvenut, tant li z-zewg sewwieqa jablu li l-kartozza misjuqa mit-tabib giet imkaxkra ghal certa distanza.

Hu minnu ukoll li apparentement ma kien hemm l-ebda raguni ghala l-konvenut kellu jigbed ghal fuq il-lemin tieghu cioe' lejn nofs it-triq. It-Tabib Rizzo Naudi xehed li wara li sehhet il-kollizzjoni, il-konvenut stqarr mieghu li huwa kien gibed lejn nofs it-triq appuntu biex jevita hofra li kien hemm fit-triq. Dan il-fatt ma jistax jigi eskluz stante li effettivament jirrizulta li propju fejn beda l-imsemmi "brake mark" jew ahjar id-"drag mark" fit-triq hemm qisha benniena. Dan jirrizulta minn dak li xehed is-"surveyor" inkarikat mill-atturi, kif ukoll mill-"Road Accident Report" u mill-iskizz li jindika kif spiccaw il-vetturi wara l-habta.

Barra minn hekk il-hsarat li garbu l-vetturi, kif ukoll l-imsemmi skizz ta' kif spiccaw il-vetturi wara din il-kollizzjoni (Dok. SM! – fol.37), jghatu iktar verosimiljanza lill verzjoni tat-Tabib Rizzo Naudi.

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess t-talbiet tal-atturi jirrizultaw gustifikati u kwindi t-talbiet tal-istess atturi ghandhom jigu akkolti u fl-istess hin l-eccezzjonijiet kollha tal-kjonvenut jimmeriaw li jigu rigettati. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwestjoni u ghandu jigi dikjarat responsabbli ghal hlas tad-danni kollha konsekwenzjali. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li kIf gia gie rilevat is-socjeta' attrici assikuratrici hallset lill-attrici l-ohra Rizzo Naudi s-somma komplessiva ta' Lm2188 ekwivalenti ghal hamest elef u sitta u disghin euro u sebgha u sittin centezmi (E5096.67) u dan in risarciment tad-danni sofferti mill-istess attrici l-ohra bhala konsegwenza tal-kollizzjoni in kwestjoni. L-imsemmija somma tinkludi l-ammont ta' Lm25 li l-istess attrici Rizzo Naudi kellha thallas bhala

“excess.” Dan l-ammont ta’ Lm25 gie risarcit lill-attrici Rizzo Naudi peress li din tal-ahhar kienet lehqet halsithom lis-socjeta assikuratrici attrici (vide affidavit ta’ Francis Paul Ebejer - fol.17). Konsegwentement il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lis-socjeta assikuratrici atttrici l-imsemmija somma ta’ Lm2188.

Kif gia gie rilevat, l-atturi fic-citazzjoni jippremettu li l-attrici Rizzo Naudi halest  is-somma ta’ Lm84 ghall-ispejjez ta' kiri ta' vettura alternattiva waqt illi kienu qed isiru t-tiswijiet relattivi fuq il-vettura tal-istess attrici, liema spejjez ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni. Ma saret l-ebda prova dwar dawn l-ispejjez pero’ il-konvenut ghamel l-imsemmija dikjarazzjoni kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tal-1 ta’ Frar 2000. Nonostante tali dikjarazzjoni l-konvenut ma jistax jigi kundannat ihallas dawn l-ispejjez stante li f’dan ir-rigward ma saret l-ebda talba.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoniijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Frar 1998, fi Triq l-Industrija, Kirkop, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAM 313 appartenenti lill-konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DRN 001, propjeta' ta' l-attrici Doriette Rizzo Naudi u  tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited nomine s-somma ta' elfejn u mija u tmienja u tmenin lira maltin (Lm2188.00) ekwivalenti ghal hamest elef u sitta u disghin euro u sebgha u sittin centezmi (E5096.67) in `inea ta’danni, bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------